

32002D0994

L 348/154

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.12.2002

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Diċembru 2002

dwar xi miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali impurtati miċ-Ċina

(innotifikata bid-dokument numru C(2002) 5377)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/994/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tippreskrivi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontrolli veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 97/78/KE għandhom jiġu adottati l-miżuri neċessarji rigward l-importazzjoni ta' ċerti prodotti minn pajjiżi terzi fejn xi kawża li tista' tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bnedmin tkun tidher, jew tkun qiegħda, tinxtered.
- (2) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 95/53/KE tal-25 ta' Ottubru, 1995 li tiffissa l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' spezzjonijiet uffiċjali fil-kamp tan-nutrizzjoni ta' l-annimali<sup>(2)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2001/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>, għandhom jiġu adottati l-miżuri minn pajjiżi terzi u li huma maħsuba għan-nutrizzjoni ta' l-annimali, meta kull kawża li tista' tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa ta' l-annimali jew tal-bnedmin tkun tidher, jew tkun qiegħda tinxtered.
- (3) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996, dwar miżuri biex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tirrevoka d-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE<sup>(4)</sup>, il-proċess tal-produzzjoni tal-annimali u tal-prodotti primarji li huma li joriġinaw mill-annimali għandu jiġi mmonitorjat bl-iskop li tiġi skoperta l-preżenza ta' ċerti residwi u sustanzi f'annimali ħajjin, il-ħmieġ tagħhom u s-sustanzi fluwidi ta' ġisimhom u fit-tessuti, prodotti ta' l-annimali, għalf ta' l-annimali u ilma tax-xorb.

- (4) Wara li ġiet skoperta l-preżenza ta' kloramfenikol f'ċerti prodotti ta' l-akwakultura u dawk ta' l-industrija tas-sajd importati miċ-Ċina, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2001/699/KE, tad-9 ta' Settembru 2001 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti ta' l-industrija tas-sajd u dawk ta' l-akwakultura maħsuba għall-konsum uman u li joriġinaw miċ-Ċina u l-Vjetnam<sup>(5)</sup>, modifikata bid-Deċiżjoni 2002/770/KE<sup>(6)</sup>. Barra dan, u wara li ġew identifikati n-nuqqasijiet waqt żjara uffiċjali fiċ-Ċina rigward ir-regolamentazzjoni tal-mediċina veterinarja u s-sistema ta' kontroll tar-residwi f'annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2002/69/KE tat-30 ta' Jannar 2002 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali importati miċ-Ċina<sup>(7)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/933/KE<sup>(8)</sup>.

- (5) Id-Deċiżjoni 2002/69/KE tiddisponi li għandha tkun riveduta fid-dawl ta' tagħrif mogħti mill-awtoritajiet kompetenti taċ-Ċina, ta' kull riżultat li joħroġ miż-żieda tal-monitoraġġ u l-ittestjar imwettaq mill-Istati Membri fuq kunsinni li jaslu fil-postijiet ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-Komunità u, jekk ikun meħtieġ, fuq il-bażi tar-riżultati ta' żjara uffiċjali ta' spezzjoni ġdida mwettqa fuq il-post mill-esperti tal-Komunità. It-tagħrif mogħti mill-awtorità Ċiniża u r-riżultati favorevoli tal-kontrolli mwettqa minn Stati Membri ppermettew l-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni ta' ċerti prodotti ili joriġinaw mill-annimali u għalhekk kienu meħieġa diversi tibdiliet fid-Deċiżjoni 2002/69/KE.

- (6) Minħabba t-tagħrif mogħti mill-awtoritajiet Ċiniżi, l-importazzjoni tal-kategoriji ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, li għalihom huma approvati l-pjanijiet Ċiniżi ta' monitoraġġ tar-residwi, hija awtorizzata.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 9.<sup>(2)</sup> ĠU L 265, tat-8.11.1995, p. 17.<sup>(3)</sup> ĠU L 234, ta' l-1.9.2001, p. 55.<sup>(4)</sup> ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10.<sup>(5)</sup> ĠU L 251, ta' l-20.1.2001, p. 11.<sup>(6)</sup> ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 16.<sup>(7)</sup> ĠU L 30, tal-31.1.2002, p. 50.<sup>(8)</sup> ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 71.

- (7) Għal ċerti kategoriji oħra ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, huwa meħtieġ li, minħabba r-riżultati tal-kontrolli mwettqa minn Stati Membri, jinżammu l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ li ġew stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni 2002/69/KE. Il-frekwenza tat-testijiet li jridu jiġu mwettqa fuq il-kunsinni għandha tiġi ffixxata skond il-livell ta' riskju li jiġi osservat.
- (8) Prodotti ta' l-industrija tas-sajd li jkunu ġew miksuba b'mezzi li mhumiex dawk ta' l-akwakultura mhumiex milquta bir-riskji identifikati hawn fuq u għandhom għalhekk jiġu eżentati mill-monitoraġġ. Madankollu, fil-każ tas-sallur u l-gambli, mhuwiex possibbli għalissa li ssir distinzjoni bejn l-akwakultura u l-qabdiet bla kontroll, ħlief għal qabdiet tal-gambli li jsiru fl-Oċean Atlantiku; għalhekk, dawk il-prodotti għandhom jibqgħu projbiti ħlief għall-kategorija ta' l-aħħar ta' krustaċċi.
- (9) Il-monitoraġġ previst fid-Deċiżjoni 2001/669/KE inżamm għal perjodu transitorju fir-rigward taċ-Ċina, imma kien sussegwentement imħassar fir-rigward tal-Vjetnam permezz tad-Deċiżjoni 2002/770/KE.
- (10) Għalhekk huwa xieraq li d-Deċiżjoni preżenti tiġi aġġornata u konsolidata bid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2002/69/KE u li għalhekk jitħassru d-Deċiżjonijiet 2001/669/KE u 2002/69/KE.
- (11) Il-miżuri li hemm maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali,

## ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## L-Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti kollha li joriġinaw mill-annimali importati miċ-Ċina u li huma maħsuba għall-konsum uman jew biex jiġu mitmugħa l-annimali.

## L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni ta' prodotti msemmijin fl-Artikolu 1.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti li huma mniżżla fl-Anness tad-deċiżjoni preżenti skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin, u bil-kondizzjonijiet speċifiċi dwar is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika applikabbli għall-prodotti konċernati. Fil-każ ta' prodotti mniżżla fit-Tieni Parti u t-Tielet Parti tal-Anness tad-Deċiżjoni preżenti, l-importazzjonijiet għandhom ikunu awtorizzati biss jekk ir-riżultati tat-test imsemmi fl-Artikolu 3 ikunu favorevoli.

## L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom, filwaqt illi jużaw pjanijiet adattati ta' teħid ta' kampjuni u metodi ta' osservazzjoni, jissuġġettaw kunsinni ta' prodotti msemmija fit-taqsimiet II u III ta' l-Anness tad-Deċiżjoni preżenti, għal test kimiku sabiex jiġi żgurat illi l-prodotti konċernati ma johlqux periklu għas-saħħa

tal-bniedem. Dan it-test għandu jitwettaq, b'mod partikolari, bl-iskop li tiġi skoperta l-preżenza ta' residwi ta' mediċini veterinarji, pestiċidi, sustanzi li jikkontaminaw u sustanzi pprojbiti.

2. Għall-prodotti mniżżla fit-taqsimi II tal-Anness, it-testijiet għandhom jitwettqu fuq 20 % tal-kunsinni kollha; għall-prodotti mniżżla fit-taqsimi III, għandha tiġi ttestjata kull kunsinna.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tat-testijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 permezz tas-Sistema ta' Sejħa Rapida ta' Allarm (*Rapid Alert System*) għall-ikel u l-għalf ta' l-annimali stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>, hekk kif jinstabu pożittivi, u kull ġimgħa fejn ikun hemm riżultati negattivi.

## L-Artikolu 4

L-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitħallsu mill-kunsinnatur, mill-kunsinnatarju, jew mill-aġenti tagħhom.

## L-Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jibdlu l-miżuri li japplikaw fil-kummerċ ta' pajjiżhom biex iġibuhom jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

## L-Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fuq il-bażi ta' l-informazzjoni u l-garanziji mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti Ċiniżi, ir-riżultati tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 3 u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, ir-riżultati ta' żjara uffiċjali ta' spezzjoni fuq il-post mill-esperti tal-Komunità.

## L-Artikolu 7

Id-Deċiżjoni 2001/699/KE u d-Deċiżjoni 2002/69/EKE huma mħassra.

## L-Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-24 ta' Diċembru 2002.

## L-Artikolu 9

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1.

## L-ANNESS

## IL-PARTI I

**Lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, maħsuba għall-konsum uman jew għall-użu bħala għalf għall-bhejjem, awtorizzati biex jiġu importati għewwa l-Komunità mingħajr ma' jiġu ttestjati**

- Prodotti ta' l-industrija tas-sajd, ħlief:
  - dawk miħsuba permezz ta' l-akwakultura,
  - sallur,
  - gambli għajr dawk maqbuda fl-Oċean Atlantiku kif imsemmijin aktar 'l isfel.
- Gambli sħaħ maqbuda fl-Oċean Atlantiku, li ma jkunux għaddew minn xi preparazzjoni jew operazzjoni ta' ipproċessar ħlief dik ta' l-iffriżar u l-imballaġġ fil-pakkett finali tagħhom fuq il-baħar u mniżżla l-art direttament fuq territorju tal-Komunità.
- Ġelatina.

## IL-PARTI II

**Lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali, maħsuba għall-konsum uman jew għall-użu bħala għalf għall-annimali, awtorizzati biex jiġu impurtati fil-Komunità, bil-kondizzjoni li jsirilhom test kimiku skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3**

- Qxur ta' krustaċji (*Casings*),
- Gambli ta' l-ilma ħelu tat-tip *Procambus clarkii* maqbuda filmijiet friski naturali minn operazzjonijiet tas-sajd,
- *Swimi* miħsuba mill-prodotti ta' l-industrija tas-sajd awtorizzati fl-Ewwel Parti.

## IL-PARTI III

**Lista ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman jew għall-użu bħala għalf tal-annimali awtorizzati biex jiġu importati fil-Komunità, bil-kondizzjoni li jsirilhom test kimiku skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 3**

---